# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A. (HONS) LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 5 ta' Dicembru, 2001**

**Numru**

**Citaz. Nru. 597/99 GV**

**Ocean Way Company Limited**

**vs**

**L'Onda Limited u Vincent Grixti**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI – IC-CITAZZJONI TA' L-ATTURI NOMINE**

1. B'citazzjoni prezentata fil-11 ta' Marzu 1999 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, is-socjeta' Ocean Way Limited, wara li ppremettiet illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tnax-il elf hames mitt liri Maltin (Lm12,500) rapprezentanti l-ammont dovut skond il-kambjalijiet iffirmati u skaduti, talbet lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex m'ghandhomx il-konvenuti jkunu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tnax-il elf hames mitt liri Maltin (Lm12,500) rapprezentanti ammont dovut kif fuq spjegat.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI**

2. Is-socjeta' konvenuta appellanti L"Onda Limited eccepiet:-

(i) Preliminarjament in-nullita tac-citazzjoni attrici stante illi l-konjugi ta' l-eccipjenti Vincent Grixti, bhala co-partecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti u ghalhekk interessata direttament fl-ezitu tal-kawza odjerna, ma gietx inluza mis-socjeta' attrici fl-istess citazzjoni;

(ii) Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-kambjali li fuqhom giet impostata l-azzjoni odjerna ma gewx protestati skond il-ligi;

(iii) Salv eccezzjonijiet ohra, inkluz dawk fuq il-mertu.

3. Illi l-konvenut Vincent Grixti eccepixxa:-

(i) Preliminarjament in-nullita tac-citazzjoni attrici stante illi l-konjugi ta' l-eccipjenti Vincent Grixti, bhala co-partecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti u ghalhekk interessata direttament fl-ezitu tal-kawza odjerna, ma gietx inkluza mis-socjeta' attrici fl-istess citazzjoni;

(ii) Illi l-konvenut Vincent Grixti personalment mhuwiex debitur fuq il-kambjali peress illi huwa dejjem iffirma bhala ufficjal tas-socjeta' konvenuta;

(iii) Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-kambjali li fuqhom giet impostata l-azzjoni odjerna ma gewx protestati skond il-ligi;

(iv) Salv eccezzjonijiet ohra, inkluz dawk fuq il-mertu.

## IS-SENTENZA APPELLATA

4. B'sentenza moghtija fit-30 ta' Gunju 1999 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi prevja li tichad l-ewwel (1) u t-tielet (3) eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa' t-tieni (2) eccezzjoni tal-konvenut Vincent Grixti, stante li ma hemmx aktar eccezzjonijiet tal-konvenuti fuq il-kambjali laqghet it-talba attrici bl-imghaxijiet u spejjez kontra l-konvenuti L'Onda Limited.

## L-APPELL TAS-SOCJETA' KONVENUTA

5. Is-socjeta' konvenuta hasset ruhha aggravata minn din is-sentenza u appellat minnha fuq l-aggravju li l-ewwel Qorti messha laqghet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' appellanti u cioe' billi tiddikjara n-nullita' tac-citazzjoni attrici stante illi l-konjugi ta' l-eccipjenti Vincent Grixti, bhala co-partecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti u ghalhekk interessata direttament fl-ezitu tal-kawza odjerna, ma gietx inkluza mis-socjeta' attrici fl-istess citazzjoni.

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti innotat illi skond l-artikolu 1322 tal-Kap. 12 "Il-jedd li jitwettqu l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja, u l-

jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek dwar dawk l-atti li ssir xi transazzjoni dwar xi atti jkunu li jkunu, imissu liz-zewg mizzewgin flimkien". L-istess Qorti imbaghad tirreferi ghall-artikolu 1324 bhala eccezzjoni ghal dan fis-sens illi atti normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu ezercitati minn parti wahda biss mill-mizzewgin, ikunu vestiti biss f'din il-parti, anke jekk in-natura ta' dawn l-atti tikkostitwixxi att ta' amministrazzjoni stroardinarji. L-istess Qorti tinnota illi fil-kaz in ezami jirrizulta li n-negozju kien bejn il-konvenut Grixti u shabu li bhala kumpanija xtraw skuna. L-ewwel Qorti tikkonkludi illi "Dan kien att normali ta' gestjoni ta' kummerc li martu ma dahlitx fih u lanqas kellha x'taqsam mal-kumpanija" u ghalhekk cahdet din l-eccezzjoni.

Bir-rispett l-esponenti tissottometti illi l-artikolu kwotat ma jaghmilx eccezzjoni ghar-regola li l-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek dwar dawk l-atti straordinarji jmissu liz-zewg mizzewgin flimkien. Dan l-artikolu sempliciment jghid illi atti normali ta' gestjoni ta' kummerc etc., jkunu vestiti f'dik il-parti  biss u ma jaghmel ebda referenza ghall-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek li dejjem jibqa' jmiss liz-zewg mizzewgin flimkien. L-artikolu 1324 ghandu jkollu applikazzjoni specifika stante illi l-kliem li l-legislatur uza fl-istess artikolu ma jaghmilhiex possibbli li wiehed jestendi l-applikazzjoni tieghu ghall-jedd li wiehed iharrek jew jigi mahrrek.

Inoltre, s-socjeta' appellanti tissottometti illi filwaqt li huwa veru li Vincent Grixti personalment qatt ma kien debitur tas-socjeta' attrici, l-istess socjeta' attrici bdiet proceduri kontra Vincent Grixti personalment permezz tac-citazzjoni taghha. Ghalhekk, anke kieku l-artikolu 1324 kellu japplika ghall-kaz odjern, galadarba s-socjeta' attrici ghazlet li tfittex lil Vincent Grixti personalment, u mhux bhala ufficjali tal-kumpanija, allura kellha tinkludi lil martu.

Illi anke t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' appellanti messha giet milqugha ghaliex il-kambjali li fuqhom giet impostata l-azzjoni odjerna ma gewx protestati skond il-ligi.

Jidher li l-ewwel Qorti strahet fuq il-konkluzjonijiet tal-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet Paolo Gatt vs Amabile Bartolo et (30 ta' Jannar 1939, Vol. XXX.III.416) u tikkwota l-istess Qorti li "d-disposizzjoni tal-ligi li timponi l-protest tal-kambjali meta din ma tithallasx fl-iskadenza mhix applikabbli ghat-traent; u ghalhekk, meta l-kambjala ma hix negozjata, it-traent m'ghandux bzonn jaghmel il-protest f'kaz ta' mankanza ta' pagament."

Madanakollu, l-artikolu 191 tal-Kap. 13 jaghmilha cara li "r-rifjut tal-hlas ta' kambjala ghandu jigi ppruvat bi protest, li jissejjah protest ghal nuqqas ta' hlas". L-istess artikolu ma jaghmel ebda eccezzjoni ghall-kazijiet meta l-kambjala ma tkunx negozjata. Ghall-kuntrarju, l-artikolu sussegwenti, cioe' l-artikolu 192 jghid illi "[d]ak li jitlob il-hlas ta'

kambjala li ma tkunx giet imdawra lilu, izda li, fl-istess hin, juri li giet lilu mibghuta biex idahhal il-hlas taghha, jista', billi jaghti garanzija tajba, jitlob il-hlas taghha, u jista' jipprotestaha jekk ma tigix imhallsa". Ghalhekk, jidher li jekk il-kambjala giet girata jew meno, il-Kodici tal-Kummerc irid li l-kambjala tkun protestata.

Jidher li l-Qorti tal-Kummerc waslet ghall-konkluzjoni taghha wara li rat l-Artikolu 233 tal-Kap. 13 li fl-ewwel paragrafu jghid li "[I]l-pussessur ta' kambjala ipprotestata ghal nuqqas ta' accettazzjoni jew ta' hlas ghandu, minghajr dewmien, jaghti avviz bil-miktub ta' dak in-nuqqas lill-girant li jigi minnufih qablu".

Jigi sottomess illi dan l-artikolu jimponi obbligu fuq pussessur ta' kambjala protestata li jaghti avviz lill-girant li jigi minnufih qablu. Izda bl-ebda mod ma jista' interpretat li jeskludi l-htiega li l-protest ghal nuqqas ta' hlas isir mit-traent kif espressament mitlub mill-artikolu 191 fuq citat. jekk l-avviz imsemmi fl-artikolu 233 ma jinghatax, il-pussessur ikun qed jitlef il-jeddijiet versu (inter alia) l-giranti ta' qablu. Jekk qablu m'hemmx giranti (u allura l-kambjala ma gietx negozjata) il-pussessur ovvjament ma jaghtix l-avviz kontemplat fl-artikolu 233 ghaliex dan l-artikolu qatt ma jkun applikat. Bl-ebda mod ma jfisser li l-pussessur huwa ezonerat mill-obbligu tal-protest ghal nuqqas ta' hlas.

Ghaldaqstant, is-socjeta' appellanti talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza moghtija fit-30 ta' Gunju 1999 mill-Prim'Awla tal-

Qorti Civili fl-ismijiet) Ocean Way Company Limited vs L'Onda Limited u Vincent Grixti billi tikkonfermaha in kwantu laqghet it-tieni (2) eccezzjoni tal-konvenut Vincent Grixti u tirrevokaha in kwantu cahdet l-ewwel (1) u t-tielet (3) eccezzjoni tal-konvenuti u laqghet it-talba attrici bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti L'Onda Limited. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' appellata.

## IR-RISPOSTA TAS-SOCJETA' ATTRICI

6. Is-socjeta' attrici appellata wiegbet hekk:-

Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Illi f'paragrafu numru 6 tal-appell, is-socjeta' appellanti tghid li l-"fatti li rrizultaw huma s-segwenti" illi s-sub-paragrafi (ii), (iii) u (iv) huma totalment irrilevanti ghal dawn il-proceduri u ma rrizultawx fil-kawza u lanqas gew imsemmija fl-eccezzjonijiet.

Illi z-zewg aggravji tas-socjeta' appellanti huma:-

(a) li c-citazzjni hija nulla stante li l-konjugi ta' l-eccipjenti Vincent Grixti ma gietx inkluza mis-socjeta' attrici fl-istess citazzjoni.

(b) li t-talbiet attrici huma infondati ghaliex il-kambjalijiet ma gewx protestati.

Illi dwar l-ewwel aggravju l-esponent jissottometti:-

(i) Vincent Grixti ma appellax mid-decizjoni u ghalhekk dan l-aggravju huwa purament vessatorju.

(ii) Illi la darba gie konkluz mill-Qorti li Grixti ma xtarax f'ismu personali izda ghan-nom tas-socjeta' konvenuta l-eccezzjoni dwar martu ma ghandhiex rilevanza.

(iii) Illi f'kull kaz l-artikolu 1324 jipprovdi li fl-atti normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu ezercitati minn parti waha biss mill-mizzewgin ikunu vestiti biss f'din il-parti, anke jekk in-natura ta' dawn l-atti tikkostitwixxi att ta' amministrazzjoni straordinarji.

(iv) Illi f'kull kaz ukoll kienet mart Vincent Grixti se mai li setghet tilmenta izda din ghazlet li ma tibda ebda procedura.

(v) Illi fl-ahhar in-nuqqas ta' presenza tal-mara ma ggibx in-nullita' tac-citazzjoni izda se mai tinghata eccezzjoni li l-gudizzju mhux integru.

Illi t-tieni aggravju tal-appellant jerga' jsostni li t-talbiet attrici huma infondati stante li l-kambjali ma gewx protestati skond il-ligi.

Illi l-appellant qieghed jibbaza dan l-aggravju fuq artikolu 191 tal-Kap 13: "r-rifjut tal-hlas ta' kambjala ghandu jigi ppruvat bi protest, li jissejjah protest ghal nuqqas ta' hlas".

Illi dan l-artikolu jelenka mezz li bih wiehed jista' jipprova li l-kambjala giet rifjutata izda ma jfissirx li t-traent jrid bil-fors jaghmel protest. Illi li kieku l-ligi riedet dan kienet tghid hekk.

Hemm gurisprudenza kostanti li ma hemmx bzonn ta' protest fil-kaz tat-traent. Il-partijiet huma l-istess partijiet li iffirmaw il-kambjala originarjament u ghalhekk is-socjeta' konvenuta kienet taf li kellha thallas lis-socjeta' attrici fid-data msemmija fil-kambjala. Illi fil-fatt is-socjeta' konvenuta taccetta li ma hallsitx l-ammont dovut kif imsemmi fil-kambjala.

Illi l-esponent jaghmel riferenza ghal kawza Paola Gatt vs Amabile Bartolo et (30/1/1039 Vol. XXX.III.416) u General Auto Parts Ltd vs H. Busietta deciza fis-16 ta' Dicembru 1988 mill-Imhallef G. Valenzia. Illi dawn iz-zewg sentenzi huma msemmija fis-sentenza appellata.

Illi l-appellant nomine jaghmel riferenza ukoll ghal Dr. Albert Ganado noe vs Dr. George Dacoutros et noe deciza mill-Imhallef M. Caruana Curran fil-Qorti tal-Kummerc fl-10 ta' Mejju 1983 fejn intqal:-

"kwantu ghal protest jidher li din il-formalita … mhux formalita' essenzjali "sine qua non" ghall-azzjoni presenti …"

Ma hemm ebda obbligu tal-protest kif qieghed tissottometti s-socjeta' appellanti.

Ghaldaqstant is-sentenza fl-ismijiet premessi deciza fit-30 ta' Gunju 1999 ghandha tigi kkonfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' appellanti.

## IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI

7. Ikun utli li jinghad qabel xejn li, originarjament, ic-citazzjoni ta' l-attur appellat nomine kienet giet istitwita kontra zewg konvenuti, igifieri kontra s-socjeta' L'Onda Limited kif ukoll kontra Vincent Grixti personalment. Fis-sentenza taghha, meritu ta' dan l-appell, l-Ewwel Qorti laqghet it-tieni eccezzjoni tal-konvenut Vincent Grixti proprio billi ddikjarat li dan il-konvenut ma kienx personalment debitur tal-kambjali de quo. Mill-atti ta' l-appell, din il-parti tas-sentenza ma jidhirx li sar appell dwarha – la min-naha tas-socjeta' konvenuta appellanti u lanqas ma sar appell incidentali da parti tas-socjeta' attrici. Dan ifisser li l-kawza llum baqghet, teknikament, bejn is-socjeta' attrici min-naha wahda u s-socjeta' konvenuta min-naha l-ohra. Dan igib il-konsegwenza li l-aggravju dwar ic-cahda ta' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta gie rez akkademiku ghar-raguni li ladarba l-konvenut Vincent Grixti gie estromess mit-talba li saret fil-konfront tieghu, il-htiega o meno li l-kawza kellha tigi istitwita wkoll kontra l-mara tieghu bhala "ko-partecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti u ghalhekk interessata direttament fl-ezitu tal-kawza odjerna" sfat proceduralment ezawrita. Li kieku s-socjeta' attrici appellat incidentalment biex l-azzjoni tibqa' diretta wkoll kontra Vincent Grixti proprio, allura l-kaz kien ikun differenti imma ebda appell simili ma giet intavolat.

8. Apparti s-suespost ghandu wkoll jinghad li anke li kieku fl-aghar ipotesi kien messha tharrket mart Vincent Grixti bhala ko-konvenuta u din ma saritx, l-eccezzjoni vera u proprja kellha tkun dik tan-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju, f'liema kaz u kemm-il darba din kellha tirrizulta fondata – ghax hemm argomenti kontra l-argomenti avanzati mis-socjeta' appellanti – tali necessita' setghet tigi sanata bis-sejha fil-kawza ta' din il-parti.

Billi pero' l-appell illum jikkoncerna lis-socjeta' konvenuta L'Onda Limited biss, dan l-aggravju jirrizulta li gie proceduralment ezawrit u ghalhekk din il-Qorti m'hijiex sejra tippronunzja ruhha oltre dwaru.

9. Fil-meritu, trattandosi ta' l-actio cambiaria, s-socjeta' konvenuta ghadha ssostni li in kwantu jirrizulta li l-kambjali li fuqhom giet impustata l-azzjoni attrici ma gewx debitament protestati skond kif tesigi l-ligi tal-kummerc, dan inissel il-konsegwenza li eccezzjoni fuq dan il-punt messha giet milqugha mhux michuda.

Illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa minnu li skond il-Kodici tal-Kummerc patriju, (ara Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta) hemm imnizzel fil-kaz ta' kambjala, girata o meno, meta din tkun intbaghtet ghall-fini ta' hlas, dak li jkun qed jitlob il-hlas "jista' jitlob il-hlas taghha, u jista' jipprotestaha jekk ma tigix imhallsa" (art. 192). Dan il-ghaliex wkoll, skond l-art. 191 tal-Kap 13, "ir-rifjut tal-hlas ta' kambjala ghandu jigi pruvat bi protest, li jissejjah protest ghal nuqqas ta' hlas". Madanakollu, ghandu jinghad li

dawn l-artikli tal-ligi gew interpretati b'mod li juri li mhux bilfors huwa mehtieg li t-traent irid bilfors jaghmel jew jibghat protest. Dan il-punt kien suggett ta' diversi sentenzi moghtijin minn dawn il-Qrati kemm antiki kif ukoll fi zmien izjed ricenti u fihom gie ritenut li ma hemmx bzonn li tintbaghat protest fil-kaz tat-traent. Kif tajjeb gie sottomess mill-parti appellata f'din il-procedura, il-partijiet involuti huma l-istess partijiet illi ffirmaw originarjment il-kambjali. Kwindi, is-socjeta' konvenuta kienet taf li kellha thallas lis-socjeta' attrici fid-data specifikata fil-kambjali <u>de quo</u>. Is-socjeta' konvenuta mkien ma tghid jew tallega li qatt ghamlet xi pagament li kien dovut skond dawn il-kambjali. Minflok, is-socjeta' appellanti qeghda biss tipprova tiskopri jew teskogita espedjent biex tevita l-obbligu taghha li thallas lill-kreditur dak li hu dovut lilu skond il-kambjala. Fis-sentenza "Dott. A. Ganado noe vs Dr. G. Dacoutros et noe", deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-10 ta' Mejju 1983, gie ritenut li "kwantu ghall-protest jidher li din il-formalita' … mhix formalita' essenzjali, <u>sine qua non</u> ghall-azzjoni prezenti …" Din il-posizzjoni tinsab riflessa u ripetuta f'diversi sentenzi, anke anterjuri. Hekk fil-kawza "Gatt vs Bartolo" tat-30 ta' Jannar 1939 (Koll. Vol. XXX-III-416) Qorti tal-Kummerc, u citat mil-Ewwel Qorti, gie ritenut li,

> "id-disposizzjoni tal-ligi li timponi l-protest tal-kambjala meta din ma tithallasx fl-iskadenza mhix applikabbli ghat-traent; u ghalhekk, meta l-kambjala ma hijiex negozjata, it-traent

m'ghandux bzonn jaghmel il-protest f'kaz ta' mankanza ta' pagament".

10. Illi mill-bqija, minn ezami tal-provi, jirrizulta mhux biss li dawn il-kambjali ma thallsux fl-ammont mitlub bhal sorte imma li r-raguni vera li dan il-hlas ma sarx hija impernjata fuq l-allegazzjoni li l-kambjali inhargu riferibbilment ghal trasferiment ta' skuna tas-sajd li skond ix-xhieda tas-socjeta' appellanti instabet li kellha d-difetti. Imma allegazzjonijiet simili se mai jistghu jew setghu jaghtu lok ghal procedura ohra u m'ghandhomx x'jaqsmu ma' azzjoni kambjarja li timxi fuq binarju separat u indipendenti minn kwistjonijiet ohra li jista' jkun hemm bejn l-istess partijiet.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-aggravji tas-socjeta' konvenuta m'humiex fondati u qeghdin jigu respinti.

Ghaldaqstant tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tas-socjeta' appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta' konvenuta L'Onda Limited.

Dep/Reg

cb